**QORTI CIVILI - PRIM'AWLA**

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 03 ta' Ottubru, 2024**

**Kawża Numru: 2**
**Citazzjoni Numru:- 302/2003 JVC**

**Samuel Carmel Baldacchino**

**vs**

**Jesmond Aquilina**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni illi permezz taghha l-attur Samuel Carmel Baldacchino talab kif isegwi:

'Peress li l-konvenut attakka fizikament lill-attur u kkagunalu ferita ta' natura gravi u dan fit-3 ta' Marzu 2003 gewwa z-Zona Industrijali tal-Marsa.

Peress illi tali attakk sar volontarjament mill-konvenut minghajr ebda raguni valida fil-ligi.

Peress illi minhabba tali attakk l-attur sofra griehi ta' natura permanenti u per konsegwenza qed isofri minn dizabilita' permanenti.

Peress illi tali dizabilita' tefettwa l-potenzjal finanzjarju tal-attur;

Jghid il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex;

1. Tiddikjara li l-konvenut huwa responsabbli tad-danni sofferti mill-attur kif ukoll responsabbli ghal dizabilita' permanenti subita mill-attur;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur;

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur l-ammont hekk likwidat minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez ta' din il-kawza u kwalsiasi mandat kawtolatorju mahruga mill-attur sabiex jikkawtela l-interessi tieghu bl-imghaxx u l-konvenut gja ngunt in subizzjoni.'

Rat l-eccezzjonijiet tal-konvenut Jesmond Aquilina li jaqraw kif isegwi:

1. 'Illi preliminarjament l-azzjoni tal-attur hija prematura stante li l-attur jaf jew jmissu jkun jaf li l-eccipjenti jinsab akkuzat ta' tentattiv ta' omicidju volontarju tal-istess attur u l-eccipjenti , li hu l-prezunt innocenti, ma jistghax jikser dan id-dritt ta'

silenzju u kwindi l-konvenut ma jistghax jiddefendu ruhu sew ghal din il-kawza.

2. Illi sekondarjament d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-eccipjenti m'huwiex responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur b'rizultat ta' l-incident li sehh fit-3 ta' Marzu 2003 stante li waqt l-incident l-eccipjenti kien qed ibghati minn mard ta' genn skond it-termini tal-ligi u partikolarjament imma mhux eskluzivament ghall-Artikolu 1035 tal-Kodici Civili, Kap 16, tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Salv eccezzjonijiet ohra. '

Rat in-nota tal-konvenut Jesmond Aquilina datata 13 ta' Frar, 2004 li permezz taghha rtira l-ewwel eccezzjoni tieghu b'riserva ghad-dritt kostituzzjonali tieghu tas-silenzju sakemm jkunu ghadddejin il-proceduri kriminali kontrih (fol. 15).

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta datata 15 ta' Ottubru, 2013 u rat id-decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell konsegwenti ghall-istess sentenza liema decizjoni filwaqt li kkonfermat in parti d-decizjoni tal-ewwel Qorti, baghtet lura l-atti lil din il-Qorti ghar-ragunijiet kif espressi fl-istess.

Rat illi fil-verbal ta' din il-Qorti diversament presdeuta datat 27 ta' Marzu, 2018 il-konvenut talab l-awtorizzazzjoni sabiex iressaq eccezzjoni ulterjuri dwar il-*locus standi* tieghu. Rat li l-attur oggezzjona ghal din it-talba stante li fl-eccezzjonijiet tieghu l-konvenut kien gia eccepixxa l-infermita' mentali fit-termini tal-artikolu 1035 tal-Kodici Civili w'ghalhekk xejn ma kien izommu milli jeccepixxi wkoll il-*locus standi* f'dak l-istadju. Rat id-digriet ta'

din il-Qorti diversament preseduta f'dan ir-rigward datat 29 ta' Marzu, 2018 a fol. 203 et seq tal-process fejn sostniet kif isegwi:

'Fid-dawl ta' dan kollu premess, din il-Qorti tqies li ghandha s-setgha li tinnomina kuratur *ad litem* ghall-konvenut f'kaz li jigi stabbilit il-htiega tieghu. Ghaldaqstant it-talba li ghandha quddiemha llum hija manifestament infondata fil-kuntest tad-disposizzjonijiet legali fuq citati.'

Dik il-Qorti ghalhekk ghaddiet sabiex tichad it-talba.

Rat illi permezz ta' digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta datat 3 ta' Lulju, 2018 gie nominat bhala espert mediku t-tabib Dr. Anthony Galea Debono, a spejjez provizorjament tal-attur, filwaqt li rriservat ghall-konvenut kull dritt li jista' jirrizulta rigward l-applikabilita' tal-artikolu 136 tal-Kodici Civili.

Rat ir-rapport tal-espert mediku Dr. Anthony Galea Debono esebit a fol. 216 et seq tal-process.

Rat ir-rikors tal-attur datat 8 ta' Mejju, 2020 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tordna lill-konvenut jixhed dwar l-incident. Rat ir-risposta tal-konvenut li oggezzjona in vista tal-kundizzjoni mentali tieghu u rat id-digriet ta' din il-Qorti kif preseduta datat 26 ta' Ottubru, 2020 kif isegwi:

'In vista tac-certifikat mediku psikjatriku datat 13 ta' Ottubru, 2020 li jiddikjara li l-intimat mhux f'kundizzioni li jixhed fil-Qorti, tichad it-talba tar-rikorrent filwaqt li tidderigih sabiex ghas-seduta li jmiss iharrek dawk ix-xhieda terzi necessarji sabiex jixhdu dwar il-mezzi tal-istess intimat.'

Rat ir-rikors tal-konvenut datata 29 ta' Settembru, 2022 a fol. 580 et seq tal-process fejn intalab li l-Qorti tawtorizza li jitharrku diversi xhieda u entitajiet sabiex jixhdu dwar l-assi tar-rikorrent. Rat ukoll il-verbal datat l-1 ta' Novembru, 2022. Rat ir-risposta tal-attur datata 11 ta' Novembru, 2022 a fol. 585 tal-process. Rat li permezz ta' digriet ta' din il-Qorti datata 28 ta' Novembru, 2022 ix-xhieda giet limitata ghall-assi tal-attur fis-sena 2003 u cioe' s-sena tal-incident (fol. 588).

Rat illi fil-verbal datat 14 ta' November, 2023 ir-rikors gie differit ghal-lum ghad-decizjoni preliminari bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha

**Ikkunsidrat:**

Illi jirrizulta li din hija azzioni ghad-danni sofferti mill-attur ghar0-raguni li l-konvenut, allegatament, hebb ghalih f'incident li sehh fis-Zona Industrijali tal-Marsa fit-3 ta' Marzu 2003. L-attur isostni li sofra feriti ta' natura gravi permanenti b'konsegwenza tal-allegat attakk u ssottometta din il-kawza sabiex jottjeni rizarciment ghad-danni sofferti skont il-Ligi.

Il-konvenut eccepixxa li l-azzjoni attrici hija prematura peress li l-proceduri kriminali naxxenti mill-att mertu ta' din il-kawza kienu ghadhom pendenti, u ghalhekk minhabba d-dritt tieghu ghas-silenzju, ma jkunx jista' jiddefendi ruhu f'dawn il-proceduri. Din l-eccezzjoni izda kif gia inghad aktar il-fuq giet irtirata. Ulterjorment eccepixxa n-nuqqas ta' responsabbila' tieghu stante li waqt l-

incident kien qed ibati minn mard ta' genn u invoka, izda mhux esklussivament, l-artikolu 1035 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta. Fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu kkontesta wkoll in-natura permanenti tal-griehi sofferti mill-attur.

**Provi:**

Illi fil-mertu l-Qorti rat l-FS 3's tar-rikorrent koprenti l-introjtu tieghu ghas-snin 2002 u 2003 fis-sommom ta' Lm 11,819 u Lm 10,327 rispettivament a fol. 24 u 25 tal-process.

Rat id-digriet ta' dak iz-zmien il-Magistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera datata 19 ta' Otttubru, 2004 a fol. 173 tal-process f'liema digriet, fl-atti tal-akkuzi kriminali fil-konfront tal-konvenut, in vista ta' dikjarazzjoni mill-psikjatra li l-imputat ma kellux il-kapacitajiet ta' volonta' u intellett skont il-ligi fil-kummissjoni tar-reat, ordnat li dan jizamm taht kustodja fl-Isptar Monte Carmeli u astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz.

Rat **ix-xhieda tal-attur Sammy Baldacchino li xehed fil-15 ta' Gunju 2004 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta, (fol. 27 tal-process).** Huwa jsostni li b'konsegwenza tal-incident ma marx ghax-xoghol ghal xi tmien gimghat u meta mar lura x-xoghol ma setax jahdem daqs kemm kien jahdem qabel.

L-attur xehed ulterjorment permezz ta' **affidavit li jinsab esebit a fol. 63 tal-process (Dok SG1).** Dwar kif sehh l-incident jghid li dakinhar tal-incident fit-3 ta' Marzu 2003, mar ix-xoghol bil-mixi, qabel ma dahal fil-*main gate* hass daqqa kbira fuq spalltu u wara daqqa kbira ohra f'dahru. Meta dar jghid li ra ragel b'wiccu mghotti, b'sikkina f'idu. Mill-mossi u mill-balaclava li kien liebes jsostni li nduna li l-persuna kienet Jesmond Aquilina, il-konvenut, li kien jahdem fl-istess fabbrika fejn kien jahdem hu. Izid li baqa' l-isptar sas-7 ta' Marzu 2003, imbaghad baqa' d-dar ghal sitt gimghat sabiex jirkupra. Dak iz-zmien jixhed li minkejja li ghaddew sena u tliet xhur mill-incident baqa' jbati minn ugigh kontinwu fi spalltu u f'dahru. Jghid li fil-fatt m'huwa kapaci jerfa' xejn, kif kien jaghmel qabel b'mod regolari. Izid li ghandu wkoll problema biex jorqod minhabba l-ugiegh. In oltre jghid li qed ibati minn biza kbira li se jigrilu xi haga. Jixhed li meta gara l-incident kellu 55 sena u kien jokkupa l-kariga ta' foremen mal-Kumpanija Stainless Steel Limited.

Rat ix-**xhieda tat-tabib mediku Dr. Joseph Saliba a fol. 33 tal-process.** Huwa jixhed li jagixxi bhala it-tabib tal-Kumpanija Stainless Steel Products Ltd. u ilu hekk ghal sitta u ghoxrin sena (26). Jghid li kien ghamel certifikat ghall-attur li ma kienx f'posizzjoni jidhol lura ghax-xoghol ghal madwar sitt gimghat minhabba li l-attur kien qed isofri mill-kundizzjoni maghrufa bl-isem ta' *pneumo thorax* fejn il-pulmun jikollassa u jimtela bil-

fluwidu dan minkejja li esternament kull ma kien jidhru kienu zewg punti. Izid li kien konsapevoli tal-fatt li xoghol l-attur kien jinvolvi t-tqandil ta' kaxxi kbar u ghalhekk hass li kellu joqghod attent meta gie biex jiccertifika li l-attur seta' jmur lura ghax-xoghol. Jghid li kien ilu tabib prattikanti ghall-qrib 54 sena. Lill-attur kien izuru d-dar u kien jaf li x-xoghol li kellu kien jinvolvi tqandil ta' kaxxi kbar tal-kartun:

'u ghalhekk ridt noqghod attent sewwa qabel ma niccertifika li jista' jmur ghax-xoghol. Illi fil-kondizzjoni medika li kien dan ma kienx ikun ta' hsara ghal sahhtu."

Jezebixxi kopja tal-*case summary* li tikkonsisti f'kopja tar-rapport mediku tal-kundizzjoni tal-attur mahrug mill-isptar San Luqa u li fuqu kien ibbaza d-djanjosi u l-pronunzji tieghu (fol. 32).

Rat **a fol. 47 et seq ix-xhieda tat-tabib kirurgu Mark Schembri.**. Jghid li hu kien ezamina lill-attur fl-4 ta' Marzu 2003. Skont in-notamenti jixhed li l-gerha li kellu l-attur fuq l-iskapola tal-lemin kienet wahda fonda u twila hames centimetri. Fuq in-naha tax-xellug, l-attur kellu gerha ohra tal-istess tul, izda mhux l-istess fond. Izid li l-attur kellu wkoll nuqqas ta' arja diehla fil-pulmun tal-lemin u wara li ttiehed x-ray, sabu li kien qed ibati wkoll minn *pneumothorax*, u kellu n-nifs xi ftit maqtugh. Jixhed ukoll li ftit granet wara din il-kundizzjoni marret ghall-ahjar hlief ghal xi

prezenza zghira ta' *pneumothorax* li kienet accettabbli u l-punti li kellhom jitnehew fiz-zmien hmistax-il jum minn meta ezaminah cioe` mis-6 ta' Marzu 2003. Meta rega` ezamina lill-attur fit-23 ta' Ottubru 2003, kien ilmenta minn ugigh fuq l-ispalla tax-xellug tieghu. It-tabib ikkonstata minn x-ray li hadlu, li ma kien hemm xejn hazin fl-ghadam izda wkoll li l-attur kellu nuqqas ta' moviment fid-driegh tax-xellug. Jghid li kien ghalhekk li rrakkommandalu jattendi ghall-fizjoterapija.

Rat ix-**xhieda tal-iSpettur Angelo Caruana quddiem din il-Qorti diversament presjeduta, a fol.55 et seq tal-process**. Jixhed li kien id-*duty officer CID* dakinhar tal-incident meta gie nfurmat li kien hemm *stabbing incident* u ddahhlet persuna l-isptar b'zewg *stab wounds* go dahru. Izid li abbazi ta' dak li qallu l-attur, dwar f'min kien qed jissusspetta, huwa arresta lill-konvenut u li tul l-investigazzjoni rrizulta li fil-fatt kien il-konvenut l-aggressur. Skont dan ix-xhud, il-konvenut ikkoopera mal-pulizija u anki hadhom fuq il-post fejn kien rema' l-arma u rrilaxxja stqarrija. Izid izda li waqt l-istqarrija l-konvenut beda jghid affarijiet li ghalkemm huwa ktibthom dawn ma kienux jaghmlu sens. Jixhed li hu ressaq lill-konvenut akkuzat ta' attentat ta' qtil u li l-*istatement* gie esebit fl-atti tal-proceduri kriminali. Izid li l-kaz gie deciz billi Jesmond Aquilina tqieghed taht kura.

Rat ir-**Rapport psikjatriku** li kien gie pprezentat fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-kaz "Il-Pulizija kontra Jesmond Aquilina" esebit a fol. 68 ta' dan il-process imhejji minn tliet Periti Psikjatri. Rat il-konkluzjoni li waslu ghalih b'mod unanimu l-Perit Psikjatra Dr. David Cassar, Dr. Joseph Cassar u Dr. George Debono kif isegwi:

'Jesmond Aquilina qed ibati minn psikozi paranoika, b'sensiela ta' deluzjonijiet paranoici u ta' referenza, u allucinazzjonijiet ta' smigh fit-tieni u t-tielet persuna. M'ghandux gharfien li hu marid f'dan il-kuntest.

Din il-kundizzjoni ilha hemm ghal tal-inqas hames xhur. Il-kundizzjoni accentwat serjament minn gurnata qabel l-incident. Waqt il-lejl ma raqadx, jinkwieta u jirrabja fil-kuntest tal-psikozi tieghu. Hass li dan kellu jwaqqfu u dan billi jbezza' lil Sammy Baldacchino.

Waqt ir-rejat kien psikotiku u baqa' jallucina anke waqt u immedjatament wara r-rejat.

Naslu ghall-konkluzjoni illi waqt l-incident Jesmond Aquilina kien qed ibati minn mard ta' genn skont it-termini tal-ligi. Waqt li issa qieghed taht kura, xorta jibqa' jsofri mill-marda...tieghu, jibqa' minghajr insight jew gharfien tal-kundizzjoni tieghu u jibqa' ghandu bzonn kura specjalizzata li ghalissa ghandha tkun fi sptar.'

**Rat a fol. 83 et seq tal-process ix-xhieda tal-Onor. Dr. Joseph Cassar** moghtija quddiem din il-Qorti diversament preseduta. Fix-

xhieda tieghu jinsisti li Jesmond Aquilina agixxa kontra Samuel Baldacchino f'kuntest ta' deluzjoni u dan b'riferenza ghar-rapportipprezentat minnu u z-zewg psikjatri nominati fil-proceduri kriminali. Hu jghid li l-kelma deluzjoni tfisser:

'a fixed false belief, jigifieri, twemmin fiss illi huwa falz;'

'deluzjoni hija psikosi..min ikollu deluzjoni ma jkunx jaf li qed ikollu deluzjoni;'

'Fir-rapport qed nghidu li ma kienx f'sensieh, kien fis-stat ta' mard ta' genn.,'

'kien qieghed jigi struwit mid-deluzjoni tieghu, li kienet falza imma ghalih kienet realta'.'

Jghid li fil-fehma tieghu l-konvenut ma kellux il-fakulta *di intendere o volere,* peress li biex ikollok dawn l-elementi trid tkun f'sensik u meta pazjent ikun deluzjonali, m'huwiex f'sensieh.

Rat ix-**xhieda ta' Dr. Joseph F. Spiteri a fol. 102 et seq tal-process,** Konsulent Psikjatra gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, kif ukoll gewwa l-iSptar Monte Carmeli, H'Attard. Jghid li l-konvenut Jesmond Aquilina gie riferut ghandu f'Marzu 2003 meta tressaq taht arrest bl-akkuza. Fit-12 ta' Marzu ezaminah u skopra li kien

qieghed fi stat ta' psikozi, li hija marda mentali u cioe` *functional disorder*. Jixhed li fid-data tal-incident l-konvenut kien qed ibati minn stat mentali disturbat, allura ma kellux *intentional volition*. Spjega li meta wiehed ikun fi stat ta' psikozi ma jarafx ir-realta' u jkun ikkontrollat minn hsibijiet hziena u minn deluzjonijiet.

Rat ix-**xhieda ta' Dr. David Cassar, Tabib Psikjatriku a fol. 113.** Jikkonferma li r-rapport li jinsab a fol. 68 sa 74 tal-process gie mhejji minnu, flimkien ma' tobba ohra. Izid li mill-ezamijiet li saru fuq il-persuna tal-konvenut, irrizulta li kien qed ibati minn marda psikjatrika li tissejjah psikozi fejn kellu deluzjonijiet ta' persekuzzjoni kif ukoll allucinazzjonijiet. Jghid li l-marda tal-konvenut kienet taqa' taht in-nomenklatura ta' *chronic paranoid schizofrenia,* li generalment izda mhux dejjem tkun genetika. Jispjega li l-konvenut  bla ebda dubju:

"fl-istat li kien, kien fi stat ta' agitazzjoni u ecitament qawwi."

Dan ir-rapport kien ukoll ikkonfermat **minn Dr. George Debono, Tabib Psikjatra li xehed a fol. 119.**

Rat id-**decizjoni ta' din il-Qorti diversament preseduta datata 15 ta' Ottubru, 2013 (fol. 175 et seq tal-process)** li fil-konsiderazzjonijiet taghha sostniet kif isegwi:

**'Konsiderazzjoni ta' Dritt - Responsabbilta'**

Fil-materja ta' tort jew kwazi tort, il-principju generali li tiggwidana hija dik enunzjata **fl-artikolu 1031 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta ghaliex kull wieħed ghandu jwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu abbazi tal-principju l-aktar fondamentali ta' *neminem laedere*.

Fil-kamp ta' responsabbilta' civili, kontrarjament ghall-kamp kriminali, il-legislatur ihares lejn id-danni kkagunati lill-vittma tat-tort u mhux lejn il-ksur ta' dispozizzjoni penali u l-hsara konsegwenzjali li tigi rekata lis-socjeta`. Hu pacifiku li l-kelma delitt m'ghandux l-istess tifsira fil-kamp civili li jinghatalu fil-kamp kriminali, imma jirreferi ghal kull fatt illecitu jew dannuz maghmul intenzjonalment.

Biex wiehed ikun responsabbli ghall-azzjonijiet tieghu, ghandu jkollu l-kapacita' *da intendere o volere* meta jkun qed iwettaq l-azzjoni, u huma ezenti minn responsabbilta` ghalhekk persuni afflitti minn "dizordni mentali..” **(art 1035 Kap. 16).**

**Kif jghid Baudry-Lacantinerie** *“si ha imputabilita' quando l'atto procede da una libera volonta', il che' e' necessario perche' costituisca una colpa.*"

**Ikkonsidrat** li mill-provi, jigi stabbilit mill-ewwel li din il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li l-konvenut kien l-aggressur fl-incident in kwistjoni. Ghalkemm l-attur ma rax wiccu ghaliex kien mghammad bil-balaclava, jirrizulta mix-xhieda tal-iSpettur Angelo Caruana li fil-kors tal-investigazzjoni li kien Jesmond Aquilina li kkommetta ddelitt mertu ta' din il-kawza u kien anke wera lill-pulizija fejn rema’ l-arma. Ma gewx appuntati esperti f'din il-kawza biex jezaminaw lill-konvenut, izda t-tliet esperti psikjatri li gew mahtura mill-Qorti

tal-Magistrati fil-proceduri kriminali li gew istitwiti kontra l-konvenut kollha dehru quddiem din il-Qorti, kif diversament presjeduta, u kkonfermaw ir-rapport li kienu pprezentaw f'dik il-Qorti bil-gurament u anke spjegaw u elaboraw fuq il-kontenut tieghu.

Dawn it-tliet psikjatri wasslu ghall-konkluzjoni unanima fejn sabu li l-konvenut kien qed ibati minn psikozi paranoika, li bdiet qabel l-incident u li: "*Waqt ir-rejat kien psikotiku, u baqa' jallucina anke waqt u immedjatament wara r-rejat. Naslu ghall-konkluzjoni illi waqt l-incident Jesmond Aquilina kien qed ibati minn mard ta' genn skont it-termini tal-ligi.*"

Dan wassal ghall-psikjatra **Dr. Cassar** biex jghid li l-konvenut ma kellux *intendere o volere*, peress li biex ikollok dawn l-elementi trid tkun f'sensik u meta pazjent ikun deluzjonali, m'huwiex f'sensieh.

Dan ukoll rega' gie kkonfermat minn **Dr. Joseph Spiteri** li sab li fid-data tal-incident il-konvenut kien qed ibati minn stat mentali disturbat, u allura ma kellux *intentional volition*. Il-Qorti tqies li l-psikjatri li xehdu f'din il-kawza huma esperti fil-qasam taghhom u pprestaw is-servizzi bhala esperti fil-Qrati tul is-snin b'integrita u korrettezza professjonali. Fic-cirkostanzi, din il-Qorti difficilment ghandha ssib raguni biex ma tfassalx il-gudizzju taghha fuq il-bazi tal-prova medika lilha sottomessa.

Ghaldaqstant il-konvenut Jesmond Aquilina ma kienx responsabbli ghall-ghemiltu fil-mument li wettaq l-azzjoni mertu ta' din il-kawza ghaliex ma kienx kapaci *da intendere o volere*.

**Principju ta' Ekwita'**

Izda l-legislatur ma jieqafx hawn. L-Artikolu 1036 tal-Kap.16 jghid hekk: "Madankollu, jekk min bata l-ħsara ma jkunx jista' jitħallas tagħha mingħand dawk il-persuni l-oħra, minħabba li dawn ma jkunux obbligati jew minħabba li ma jkollhomx mezzi, u min ikun bata l-ħsara ma jkunx, b'nuqqas ta' diliġenza, ta' ħsieb jew ta' prudenza, ta huwa nnifsu lok għall-ħsara, il-qorti tista', wara li tqis iċ-ċirkostanzi tal-każ, u b'mod partikolari l-mezzi ta' dak li jkun ikkaġuna u tal-ieħor li jkun bata l-ħsara, tordna li din il-ħsara tiġi, kollha jew biċċa minnha, imħallsa bi ħwejjeġ il-minuri jew il-persuni b'diżordni mentali jew kundizzjoni oħra msemmija fl-aħħar artikolu qabel dan."

Permezz ta' din id-dispozizzjoni, il-legislatur Malti ried jintroduci principju ta' ekwita' fit-trattament bejn il-vittma u l-agent tal-fatt illegali u jaghti d-dritt lill-persuna li sofriet danni ghar-rizarciment, in toto jew in parti, mill-patrimonju tal-persuna li qed issofri minn dizordni mentali.

Harsa lejn **l-artikolu 1036** juri li l-legislatur, ispirat minn principju ta' ekwita', ried li din ir-responsabbilta' patrimonjali tigi ammessa *in linea* sussidjarja u cioe` meta r-riparazzjoni ma tistax tinkiseb mill-persuni li kienu nkarigati biex jiehdu hsieb il-persuna li tkun qed tbati minn mard mentali.

Id-difensur tal-attur gustament issolleva l-applikazzjoni ta' dan l-**artikolu 1036** ghall-kaz in ezami u jghid li l-attur ma jistax jottjeni rizarciment minn terzi ghaliex il-konvenut ma kienx fdat fil-kustodja ta' terzi, la fattwalment u lanqas legalment permezz ta' digriet ta' inabilitazzjoni jew interdizzjoni. Inoltre jirrizulta mix-xhieda tal-esperti psikjatrici li l-konvenut, fil-mument meta wettaq l-azzjoni, lanqas kien konsapevoli li kien afflitt mill-marda li kellu. Isegwi li ma hemmx persuni ohrajn li jistghu jitqiesu responsabbli vikarjament ai termini tal-artikolu **1034 tal-Kap.16**.

Fil-fehma tal-Qorti, izda, biex tezercita d-diskrezzjoni taghha sabiex tittratta b'mod ekwu lill-attur, ghandha qabel xejn, ikollha l-prova tad-danni subiti (*damnum emergens* u *lucrum cessans*), kif ukoll, ai termini tal-artikolu 1036, prova tal-mezzi tal-konvenut. Sfortunatament, il-provi mressqa mill-attur huma ferm skarsi u jillimita ruhu biss ghall-prova dokumentarja tad-dhul gross tieghu ghas-snin 2002 u 2003 u ghat-testimonjanza tieghu personali dwar il-fatt li baqa' ihoss ugiegh u anke bizghat minhabba dak li ghadda minnu. Dan hu sorrett sa certu punt mix-xhieda tal-kirurgu Mark Schembri li ezamina l-attur fit-23 ta' Ottubru 2003, u minn x-ray li hadlu, ikkonstata li ma kien hemm xejn hazin fl-ghadam izda wkoll li l-attur kellu nuqqas ta' moviment fi driegh ix-xellugi. Kien ghalhekk irrakkommandalu li jmur ghal fizjoterapija. Pero' ma tirrizulta ebda prova dwar il-permanenza o meno tad-debbilita' li kien ghadu jbati minnha l-attur meta gie ezaminat mill-kirurgu Schembri, konsistenti f'nuqqas ta' moviment f'dirghajh.

Ukoll il-Qorti tifhem li l-attur tant ghadda minn trawma kbira meta safa aggredit b'tali vjolenza, li baqa' bil-bizat minkejja t-trapass ta' zmien mid-data tal-incident. Filwaqt li tirrikonoxxi d-diffikulta' tal-prova f'dan il-kamp, hi certament ma tistax teskludi illi jezistu sitwazzjonijiet fejn il-hsara provokata minn azzjoni llegali ma tkunx daqstant fizika daqs kemm psikika u din id-debbilita' psikologika tista' tkun permanenti u tista ' wkoll tkun kwantifikata f'telf ta' qliegh futur. Izda prova dwar dan ma tressqitx.

Minn ezami tal-process il-Qorti bil-fors ghandha tikkonkludi li t-tezi tal-attur mhix ippruvata. Ma hemmx provi rigward damnum emergens, ricevuti ta' spejjez medici jew spejjez ghall-fizioterapija li seta' segwa l-attur. Ma hemmx provi li jistghu jwasslu ghall-konvincement li d-debbilita' sofferta mill-attur kienet wahda permanenti u f'liema grad.

Minghajr dawn il-provi, il-Qorti mhix f'pozizzjoni li taghmel l-accertamenti taghha u tasal ghall-konkluzjoni bbazata fuq fatti, *justa allegata et probata* u mhux fuq kongetturi, u ma tista', ghalhekk, tillikwida l-ebda ammont f'kumpens bhala lucrum *cessans*.

Anke f'kaz li l-attur wasal biex ressaq dawn il-provi, xorta kien jonqos prova ohra - dik dwar ic-cirkostanzi finanzjarji u ekonomici tal-konvenut stante li r-rimedju li jibqa' ghall-attur huwa wiehed pernjat fuq principji ta' ekwita'. L-awturi jghalmuna, per ezempju, li l-Qorti ghandha tassigura lill-awtur tad-delitt mezzi bizzejjed biex imantni lilu nnifsu meta tasal biex tikkomputa l-ammont dovut bhala rizarciment u anke tipparaguna l-mezzi tieghu ma' dawk tal-attur li qed jirreklama d-danni.

**Ikkonsidrat** li minn gurisprudenza maghrufa, fejn il-provi fir-rigward tal-ammont tad-danni ma humiex tant lineari jew ben stabbiliti jew f'kaz ta' nuqqas ta' mezzi probatorji l-ammont ghandu jigi ffissat *ex aequo et bono* mill-gudikant **(Vol. XXXV P III p 615)**. Fil-kaz in ezami, izda, il-prova tal-ammont tad-danni dovuti, kemm f'dak li huma danni gja subiti, kemm f'dak li huwa telf futur, mhix difficli. Anzi hija ben stabbilita' fil-gurisprudenza taghna. Id-diffikulta` attwali riskontrata mill-Qorti b'hafna rammariku tikkonsisti fin-nuqqas lampanti tal-attur li jissoddisfa l-onere li jinkombi fuqu, liema nuqqas ma jistax jigi sorrett mill-Qorti jew supplimentat b'ipotezijiet.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti ser ikollha tichad it-talbiet kollha attrici bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt.

**III. KONKLUZJONI**.

Illi għalhekk għal dawn il-motivi, din il-Qorti, taqta' u tiddeċiedi, billi tiċħad it-talbiet attriċi bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt.

L-ispejjeż jitħallsu mill-attur.'

Rat illi d-deċiżjoni suespost ġiet debitament appellata mill-attur liema appell ġie deċiż permezz ta' sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell datata 26 ta' Jannar, 2018 (ara l-atti tal-appell annessi). Illi stante li jirriżulta li l-partijiet quddiem din il-Qorti lanqas jaqblu dwar x'kienu l-konkluzjonijiet tal-Qorti tal-Appell f'din id-deċiżjoni, din il-Qorti tqis li għandha tirriporta hawnhekk il-konsiderazzjonijiet kollha tal-Qorti tal-Appell u d-deċiżjoni finali kif isegwi:

'Ikkonsidrat:

Illi din il-kawża titratta azzjoni għal danni wara li l-attur ġie aggredit vjolentement mill-konvenut. Il-konvenut ressaq bħala eċċezzjoni preliminari n-nuqqas ta' responsabbilità għall-akkadut, minħabba li fil-mument tal-inċident huwa kien qiegħed ibati minn mard ta' ġenn skont kif jipprovdi l-Artikolu 1035 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta). L-ewwel Qorti aċċettat din id-difiża u ċaħdet it-talbiet attriċi bħala infondati fil-fatt u fid-dritt.

L-attur appellant interpona appell mis-sentenza in kwantu ħassu aggravat għal żewġ raġunijiet prinċipali. L-ewwel aggravju jitratta l-ilment illi filwaqt li s-sentenza kellha tkun limitata għall-kwistjoni tar-responsabbilità tal-konvenut għall-inċident mertu tal-kawża, kif sollevata minnu fit-tieni eċċezzjoni tiegħu,

effettivament l-ewwel Qorti ma llimitatx ruhha ghat-tieni eccezzjoni, u minflok tat sentenza parzjali trattat ittalbiet tal-attur fl-intier taghhom. Hija tat decizjoni dwar il-likwidazzjoni tad-danni meta l-istess Qorti, izda diversament preseduta, kienet ordnat li jingabru provi limitatament dwar il-kap ta' responsabbilita. Ghalhekk, ghalkemm l-ewwel Qorti kkonkludiet li f'dak li ghandha x'taqsam ir-responsabbilita' il-konvenut appellat kien responsabbli ghad-danni li kkaguna lill-attur ai termini tal-Artikolu 1036 tal-Kap. 16, din izda rriteniet li fin-nuqqas ta' provi da parti tal-attur kemm dwar id-danni effettivi, kif ukoll dwar id-debilit sofferta minnu, jekk kienitx wahda permanenti u f'liema grad, naqset milli tezercita d-diskrezzjoni taghha a bazi ta' ekwita' kif jidderigi dan l-artikolu. Skont l-appellant, l-elementi dwar it-talbiet attrici rigwardanti d-danni, kellhom jigu decizi wara li l-ewwel Qorti kellha tippronunzja ruhha dwar il-kap ta' responsabbilita. Konsegwentement, l-ewwel Qorti cahdet it-talbiet attrici fuq bazi ta' nuqqas ta' provi dwar iddebilita', *lucrum cessans, damnum emergens* u c-cirkostanzi ekonomici u finanzjarji tal-konvenut appellat, meta l-provi dwar dawn l-elementi ma tressqux ghas-semplici raguni li l-ewwel Qorti kellha tippronunzja ruhha limitatament dwar ir-responsabbilita tal-konvenut appellat. Ghalhekk ladarba l-ewwel Qorti ppronunzjat ruhha fuq ir-responsabbilita tal-konvenut appellat a bazi ta' ekwita, hija kellha tordna l-prosegwiment tal-kawza, sabiex l-attur appellant seta' jibda jressaq l-provi tieghu dwar l-elementi kollha.

Ghandu jinghad mal-ewwel, li din il-Qorti taqbel ma' dan l-ewwel aggravju tal-attur appellant, limitatament in kwantu minn ezami tal-atti jirrizulta car li l-intendiment tal-kontendenti fil-kawza kien tabilhaqq li l-ewwel jigi deciz il-kap ta' responsabbilit . Dan jirrizulta kemm mill-verbali tal-ewwel Qorti, kif ukoll min-noti ta' sottomissjonijiet imressqa mill-partijiet. Jekk wiehed jara l-verbal tas-17 ta' Frar, 2005, issib:

***"Bi qbil bejn l-Avukati tal-partijiet, il-Qorti qeghda tordna li sakemm ma taghtix direttiva mod iehor ghalissa jingabru provi dwar il-kwistjoni tar-responsabbilita' tal-incident*** *tat-3 ta' Marzu, 2003".*

Hekk ukoll fil-verbal tas-27 ta'April, 2006, inghad:

"Fuq talba tal-Avukati tal-partijiet it-trattazzjoni dwar it-tieni eccezzjoni tal-konvenut ghandha ssir permezz ta' noti ta' sottomissjonijiet…

"Il-kawza giet **differita ghas-sentenza dwar l-imsemmija tieni eccezzjoni…".**

Minn harsa lejn in-noti ta' sottomissjonijiet imressqa mill-partijiet, it-tnejn jispecifikaw li dawn saru fir-rigward tat-tieni eccezzjoni tal-konvenut. Gara li din il-kawza kienet sussegwentement assenjata lill-gudikant differenti li wkoll kienet qed tippresjedi l-Prim'Awla tal-Qorti Civili. Dik il-Qorti dehrilha opportun li jsiru s-sottomissjonijiet orali mid-difensuri tal-partijiet. Izda fid-differiment li nghata, id-difensuri tal-partijiet qablu li l-kawza tista' tibqa' ghas-sentenza fuq il-provi u n-noti prodotti. Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti, huwa car li l-ewwel Qorti kienet limitata b'dak li gie maqbul bejn il-partijiet flimkien mal-ewwel Qorti, kif diversament preseduta, fis-sens li s-sentenza kellha tkun limitata ghal wahda dwar it-tieni eccezzjoni preliminari tal-konvenut. Il-fatt li ma kienu tressqu ebda provi dwar danni da parti tal-attur appellant, kien rizultat tal-intendiment tal-partijiet, li f'dak l-istadju llimitaw il-provi ghall-kap ta' responsabbilit. Tkun qeghda ssir ingustizzja kbira jekk minkejja l-intendiment car daqs il-kristall bejn il-partijiet, rizultanti minn zewg verbali quddiem il-Qorti, jitwarrab fil-gemb, konsegwenza ta' zvista da parti tal-ewwel Qorti.

Huwa maghruf li verbal jikkostitwixxi kwazi-kuntratt gudizzjali. Kif ritenut minn din il-Qorti (Sede Inferjuri), fis-sentenza taghha tas-27 ta' Frar, App. Civ. 302/03 14 2009, fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Silvio v. Corinthia Palace Hotel Company Limited:**

"Dan anke ghaliex dawk il-verbali jaghmlu fidi tal-kontenut taghhom u, kif inhu maghruf, jorbtu lill-kontendenti bis-sahha tal-kwazikuntratt gudizzjali. Ara "Farmacista Giuseppe Debono - vs- Giovanna Debono", Appell Civili, 13 ta' Marzu, 1953 u "Direttur ta' l-Agrikoltura - vs- Remigio Galea", Appell Civili, 30 ta' Marzu, 1987".

Hekk ukoll inghad fir-rigward, mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha tal-10 ta' Ottubru, 2017, fil-kawza fl-ismijiet **Paul Axisa v. Carmelo Spiteri et:**

*"Illi huwa pacifiku li verbal bejn il-partijiet huwa vinkolanti ghalihom kollha ghaliex jikkostitwixxi 'kwazi kuntratta' gudizzjali li ma jistax jigi newtralizzat jekk mhux bil-kunsens tal-partijiet kollha. (Direttur ta' l-Agrikoltura v Remigio Galea - A.C. 30 ta' Marzu 1987; Kollez. Vol. XXIX P I p.768; Vol. XXXVII P I p.99); jfisser li "il quasi contratto giudiziale non ha altro scopo se non quello di fissare il tema ed i limiti della controversia" (Kollez. Vol. XXVI P I p 225). Dan fuq il-bazi tal-massima "in judiciis quasi contrahitur." (Carmelo Farrugia v Grezzju Farrugia et. - App. Inf. 16 ta' Marzu 2005)".*

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, dan ifisser li l-ewwel Qorti ma setghet qatt tiskarta dak maqbul bejn il-partijiet, sakemm mhux bil-kunsens tal-istess kontendenti fil-kawza, liema kunsens ma jirrizultax, ladarba fl-ahhar verbal, qabel l-ewwel Qorti tat is-sentenza taghha nghad, li l-kawza kellha tibqa' ghas-sentenza fuq il-provi u n-noti prodotti, li kif inghad qabel, kienu

limitati ghat-tieni eccezzjoni tal-konvenut, dwar il-kap ta' responsabbilita. Madankollu, sa fejn l-ewwel aggravju jsemmi Artikolu 1036 tal-Kap. 16, ikun xieraq li dan jigi trattat, wara li jigi ezaminat it-tieni aggravju, dak dwar il-kap ta' responsabbilita tal-konvenut ghall-akkadut, li huwa wiehed determinanti ghall-bqija tal-andament tal-kawza.

Fit-tieni aggravju, l-attur appellant jishaq illi sar apprezzament zbaljat tal-provi prodotti quddiem l-ewwel Qorti, meta fis-sentenza appellata nghad li l-konvenut ma kienx responsabbli ghal ghemilu, u konsegwentement anqas kien responsabbli ghad-danni peress li fil-mument li wettaq l-azzjoni mertu ta' din il-kawza, ma kienx kapaci *da intendere o volere*. Filwaqt li l-attur appellant jikkoncedi li l-ewwel Qorti bbazat il-konsiderazzjonijiet taghha fuq ir-rapport psikjatriku li kien sar mit-tliet esperti Dr Joseph Cassar, Dr David Cassar u Dr George Debono, fil-kumpilazzjoni kontra l-konvenut appellat, kif ukoll fuq ix-xhieda moghtija minnhom quddiemha, fejn elaboraw u spjegaw l-istess rapport, hija naqset milli tevalwa sew l-istess xhieda ritenuta kontradittorja mal-konkluzjonijiet tal-istess rapport. Huwa jinsisti li l-provi kellhom iwasslu lill-Qorti sabiex tiddeciedi li l-konvenut appellat kien kapaci *di intendere e volere* fil-mument tal-incident, mertu tal-kawza. L-attur appellant jiccita siltiet mix-xhieda tat-tabib Joseph Cassar sabiex jinsisti li l-konvenut appellat, kien jaf x'qieghed jaghmel fil-mument tal-aggressjoni fuq l-attur appellant, kien jaf li dak li qed jaghmel ma kienx korrett. Meta wiehed jikkonsidra li qabel l-aggressjoni, il-konvenut appellat kien qieghed jistenna lill-attur, mohbi fost xi sigar u l-fatt li libes il-balaclava u fl-ahhar heba l-*corpus delicti*, fil-fehma tal-appellant huma kollha fatturi li jindikaw b'mod lampanti, li l-konvenut appellat kien ben konxju li l-agir tieghu kien hazin kriminalment.

L-attur appellant jikkritika x-xhieda tal-istess espert, kif ukoll dik tat-tabib George Debono, bhala kontradittorja meta jinghad minnhom li ghalkemm il-

konvenut appellat kien jaf li qieghed jaghmel reat, dan kien qieghed iwettqu frott tad-deluzjoni li kellu, tant li kieku ma kellux din id-deluzjoni, ma kienx jaghmel dak li ghamel, liema asserzjoni fil-fehma tal-appellant hija wahda ipotetika ghall-ahhar. Jirreferi wkoll ghall-fatt li, ghalkemm fil-fehma tat-tobba psikjatrici d-deluzjoni li kien qieghed isofri minnha l-konvenut kienet ir-raguni wara l-incident mertu tal-kawza, mix-xhieda tat-tabib David Cassar irrizulta li d-deluzjoniiiet jistghu jkunu ta' zewg tipi, dik li taffetwa individwu f'sitwazzjoni partikolari u fil-bqija l-persuna tkun normali ghal kollox, u dik il-psikozi li taffetwa lill-bniedem f'kull qasam tal-hajja, bhall-kaz tal-konvenut appellat. L-attur appellant jargumenta li, ghalkemm l-istess psikjatra qal li l-istat tal-konvenut appellat kien wiehed ta' agitazzjoni u ecitament qawwi, fl-ebda hin ma tressqu xi provi li dan kien afflitt minn tali stat li affettwatu f'oqsma ohra tal-hajja, tant li l-attur appellant fix-xhieda tieghu, jiddeskrivi lill-konvenut appellat bhala bniedem responsabbli fuq ix-xoghol, li kien iwettaq dak mitlub minnu minghajr problemi. L-ewwel Qorti naqset milli tikkonsidra dan kollu meta waslet ghad-decizjoni taghha.

Fl-ahhar, l-attur appellant jirreferi wkoll ghax-xhieda tat-tabib Joseph Spiteri, il-psikjatra forensiku fl-isptar Monte Carmeli, li ha lill-konvenut appellat taht il-kura tieghu, ftit jiem biss wara l-incident u baqa' jikkurah ghal numru ta' snin. Quddiem l-ewwel Qorti wkoll, huwa xehed li l-konvenut appellat kien ibati minn stat mentali disturbat, tant li ma kellux *intentional volition*. Izda l-attur appellant jislet tliet punti rizultanti millistess xhieda: (i) dik li Dr Spiteri ma kienx f'pozizzjoni li jghid kemm kien ilu l-appellat ibati minn din il-kondizzjoni, li tikkontrasta mal-fehma tal-periti psikjatrici mahtura mill-Qorti Istruttorja, li qalu li din il-kondizzjoni kienet ilha prezenti madwar hames xhur qabel l-incident u li accentwat ruhha serjament, gurnata qabel l-incident mertu tal-kawza odjerna. Dan fil-fehma tal-attur appellant jitfa dubju dwar jekk il-konvenut appellat kienx afflitt mill-marda tal-genn fil-mument tal-incident; (ii)

Dr Spiteri wkoll ikkonferma li l-konvenut appellat kien jaf x'kien qieghed jaghmel, tant li jghid li l-konvenut appellat kien lucidu daqs il-kristall, tant li kien izjed vigilanti ghaliex kien jahseb li xi hadd huwa kontra tieghu, allura joqghod aktar attent; (iii) meta mistoqsi sabiex jindika x'wassal ghall-incident, ghalkemm ma kienx jaf iwiegeb, jassumi li kien rizultat tal-mard mentali tal-konvenut appellat. Ghalhekk l-attur appellant jishaq li l-ewwel Qorti ma setghetx tasal ghall-konkluzjoni li l-konvenut appellat ma kienx kapaci *di intendere e volere* a bazi ta' assunzjoni. Kwindi fin-nuqqas ta' certezza fil-materja, li l-incident effettivament sehh konsegwenza ta' mard tal-genn da parti tal-konvenut appellat, l-ewwel App. Civ. 302/03 18 Qorti ma kellha qatt tasal ghall-konkluzjoni li l-konvenut ma kellux kapacita *di intendere e volere* fil-mument tal-incident.

Jibda billi jinghad li din il-Qorti, kif kellha diversi drabi okkazzjonijiet ohra li taghmel, ma tiddisturbax leggerment l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti, jekk tara li dik il-Qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Din il-Qorti ta' revizjoni tintervjeni biss jekk tirradika fiha l-fehma li l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti huwa manifestament zbaljat b'mod li jekk tibqa' tregi l-konkluzjoni bazata fuqu, tkun qed issir ingustizzja lejn xi parti. (Ara f'dan is-sens sentenza ta' din il-Qorti tal-5 ta' Ottubru, 2001, fil-kawza fl-ismijiet **Paul Formosa v. Salvu Debono)**. Hekk ukoll fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet **Emanuel Ciantar v. David Curmi noe**, hekk kif konfermata minn din il-Qorti, fid-19 ta' Gunju, 2006, kien precizat:

"Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, ficcirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili,

in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet".

Issa meta din il-Qorti qieset is-sentenza appellata, rrizultalha li kontrarjament ghal dak allegat mill-attur appellant, l-ewwel Qorti xtarret sew kemm ir-rapport mediku tal-esperti psikjatrici quddiem il-Qorti Istruttorja, kif ukoll ix-xhieda moghtija quddiem l-ewwel Qorti. Din il-perizja medika ta' Dr David Cassar, Dr Joseph Cassr u Dr George Debono, ilkoll psikjatri, hija meqjusa bhala prova krucjali f'dan il-kaz. Kif gustament osservat mill-konvenut appellat, din il-perizja medika, tikkostitwixxi prova teknika li sakemm ma tigix skossa minn prova ohra kuntrarja u attendibbli, ma tistax tigi mwarrba facilment.

Tajjeb li jigi mfakkar li l-konkluzjoni unanima ta' dawn l-esperti kienet fis-sens li l-konvenut appellat:

"Waqt ir-rejat kien psikotiku u baqa' jallucina anke waqt u immedjatament wara r-rejat. Naslu ghall-konkluzjoni illi waqt l-incident Jesmond Aquilina kien qed ibati minn mard ta' genn skont it-termini tal-ligi".

Din kienet prova li l-ewwel Qorti ma setghetx tiskarta facilment, tenut kont li kif inghad fis-sentenza appellata, huma esperti fil-qasam tal-psikjatrija li tul is-snin servew bhala esperti tal-Qorti b'integrita u korrettezza professjonali, li l-Qorti difficilment tista' ssib raguni biex ma tfassalx il-gudizzju taghha fuq il-bazi tal-prova medika sottomessa lilha.

Minkejja s-siltiet estrapolati mix-xhieda da parti tal-attur appellant, meta din il-Qorti ezaminat ix-xhieda shiha tal-istess esperti psikjatri fil-mori ta' dawn il-

proceduri, issib li l-fehma tal-esperti medici baqghet soda taht kontro-ezami, fis-sens li jishqu li ghalkemm il-konvenut appellat kien jaf x'kien qieghed jaghmel, ghemilu kien rizultat tal-psikozi li kienet qeghda taffetwa l-agir tieghu. Jispjegaw li meta pazjent huwa psikotiku u deluzzjonali, huwa ma jkunx f'sensih u ghalhekk kien fi stat ta' mard tal-genn. Ghalhekk fil-fehma tal-esperti medici, l-konvenut appellat ma kellux il-fakolta *di intendere e di volere*, peress li ma kienx f'sensih u dak li ghamel kien motivat unikament mid-deluzjoni li kien qieghed ibati minnha fil-mument li wettaq l-att vjolenti kontra l-attur appellant.

L-espert Dr Joseph Cassar jispjega li "Il-volere kien secondary to a delusion". Similment Dr David Cassar xehed li rrizulta li l-konvenut appellat kien qed ibati minn marda psikjatrika li tissejjah psikozi, psikozi ta' kwalita' paranoika jew *paranoid*, fejn kellu deluzjonijiet ta' persekuzzjoni u kellu allucinazzjonijiet li kienu parti mill-marda wkoll. Il-marda tal-konvenut appellat kienet klassifikata bhala *chronic paranoid schizophrenia*. Id-deluzjoni li kellu kienet wahda assoluta, hsieb falz li ma tistax tbiddlu, dak li l-espert jsejjahlu *a false unshakeable belief.* Dan l-espert ikompli jispjega li d-deluzjoni: "*hija affettwata minn tibdil gewwa l-mohh, fejn nafu illi hemm tibdil ta' neuro-transmitters, partikolarment neuro-transmitter li jismu dopemin, li jaffettwa certu transmission fil-mohh. F'deluzjonijiet ta' persekuzzjoni, l-persuna tkun cert, b'mod fiss, illi hemm nies illi qed jippruvaw jaghmlulu d-deni u jkun qieghed jimmizinterpreta certu mgieba…*". Fuq mistoqsija tal-ewwel Qorti, Dr Cassar jixhed minghajr ezitazzjoni jew dubju li l-konvenut appellat kien jaqa' f'dik il-kategorija ta' psikozi, li taffetwah f'kull qasam tal-hajja, peress li kien fi stat ta' agitazzjoni u ecitament qawwi. Dr George Debono wkoll juza' t-terminu ta' *unshakeable belief*, fis-sens li mohh dik il-persuna ma tkunx qeghda tirraguna sew, peress li s-sens ta' persekuzzjoni tant tkun reali, li tista' ssir perikoluza ladarba huwa jkun ihossu

mhedded u jirreagixxi ghal dak it-theddid, billi jkun jaf x'irid jaghmel biex jehles minn dak it-theddid.

Konsidrat dan kollu, din il-Qorti ma tistax taqbel mal-attur appellant, in kwantu ma tirriskontra xejn kontradittorju jew kontrastanti f'dak li xehdu l-esperti psikjatrici mar-rapport originali taghhom esebit in atti. Il-fatt li l-konvenut appellat kien qieghed jistenna lill-attur, mohbi fost xi sigar, il-fatt li libes il-*balaclava* u fl-ahhar heba l-*corpus delicti*, fil-fehma ta' din il-Qorti huma rizultat tal-istess reazzjoni li huwa kellu ghad-deluzjoni ta' persekuzzjoni li kienet qeghda taffetwa l-agir tieghu. Ladarba l-agir tal-konvenut appellat kien dettat minn deluzjoni, ma jistax jinghad li kellu l-element *di intendere e di volere*.

Dan kollu jinsab ikkonfermat ukoll mix-xhieda ta' Dr Joseph Spiteri, tabib kuranti tal-konvenut appellat fl-isptar Monte Carmeli, li jispjega li l-konvenut appellat kien ibati minn psikozi, li hija tip ta' marda mentali li jsejhulha *functional disorder*. Ghalkemm qies l-istat tal-persuna taht leffett ta' psikozi bhala lucida hafna, dik il-persuna tkun qeghda tinterpreta l-affarijiet hazin, fis-sens ta' *delusional perceptions* bhall-konvinzjoni li jkun qieghed jigi ppersegwitat, li allura dik il-persuna tirreagixxi ghalihom. Dik ir-reazzjoni ma tkunx wahda rizultat tal-volonta' jew xewqa tieghu, imma bil-volonta' tal-genn, ghalhekk jirreagixxi bi stat mentali disturbat, li tfisser li l-*intentional volition* ma tkunx qeghda hemm.

Kontrarjament ghal dak li jinghad mill-attur appellant, it-tabib Spiteri jixhed li l-konvenut appellat kien ilu madwar sentejn ibati minn hsibijiet mhux tas-soltu, fis-sens li ma jirriflettux ir-realta', sakemm fl-ahhar waslu ghall-akkadut. Ghalhekk din il-Qorti tara li meta l-ewwel Qorti strahet fuq ir-rizultanzi medici, li l-konvenut appellat ma kienx responsabbli ghal ghemilu fil-mument li wettaq l-azzjoni mertu ta' din il-kawza, ghaliex ma kienx kapaci *da intendere*

*o volere*, dan ma kienitx qeghda taghmlu fuq bazi ta' assunzjoni, izda tabilhaqq fuq rizultanzi inkonfutabbli li ma gewx kontradetti b'xi rapport mediku iehor, li jxejjen tali konkluzjonijiet.

Wara kollox tajjeb li jinghad ukoll li l-ewwel Qorti kienet qeghda tezamina l-kap ta' responsabbilita' tal-konvenut fid-dawl tal-eccezzjoni mressqa minnu taht l-Artikolu 1035 tal-Kodici Civili. Kif kellha okkazjoni tirrileva din il-Qorti, Sede Inferjuri, fis-sentenza taghha tat-23 ta' April, 2010, fil-kawza fl-ismijiet **Middlesea Insurance plc et v. Joseph Falzon et noe**:

*"jibda biex jigi osservat illi l-Artikolu 1035 Kodici Civili ma jenuncja ebda kriterju in bazi ghal liema l-accertament relattiv ta' l-inkapacita` ghandu jsir. Isegwi illi hu lill-gudikant adit mill-mertu tal-kaz lilu affidat il-kompitu li jistabilixxa dan skond il-kompetenza u l-esperjenza komuni, u, wisq logikament, in-nozzjonijiet maghrufa tax-xjenza. Ragonevolment, l-istat ta' l-inkapacita` jrid jigi verifikat kaz b'kaz, anke permezz ta' certi presunzjonijiet kif jinzlu mil-ligi u dawk ta' l-elementi indizzjarji suggerita mill-provi".*

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, din il-Qorti ssib dan it-tieni aggravju tal-attur appellant bhala infondat, peress li mill-provi jirrizulta ampjament ipprovat li l-kondizzjoni mentali tal-konvenut appellat kienet tali li seta' jitqies inkapaci ai termini tal-Artikolu 1035 tal-Kodici Civili.

Madankollu, l-ezami tal-Artikolu 1035 ma jieqafx hemm, peress li jkompli billi jipprovdi:

"izda jibqa' shih il-jedd ta' min ikun bata l-hsara ghall-azzjoni, meta hemm lok ghaliha, kontra dawk li huma obbligati ghal dawk il-hsarat, skond l-ahhar artikolu qabel dan".

Issa meta ssir referenza ghall-ahhar artikolu cioe' l-Artikolu 1034, dan jipprovdi li kull min jiehu hsieb ta' wiehed minuri jew ta' mignun, hu obbligat ghall-hsara li jaghmel il-minuri jew il-mignun, meta huwa ma jkunx ha l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja biex il-fatt ma jigrix. Issa meta sehh l-incident in kwistjoni, l-konvenut appellat kien maggorenni u ghalkemm it-tobba rriskontraw li kien ilu ftit xhur ibati mill-psikozi, mill-atti ma jirrizultax li huwa kien interdett jew inkapacitat skont il-ligi, kwindi fil-mument tal-incident ebda genitur jew kuratur ma kien obbligat mill-kura tal-konvenut appellat.

F'dan il-kuntest, jikseb relevanza l-Artikolu 1036 tal-Kodici Civili, citat mill-attur appellant taht l-ewwel aggravju li jonqos li jigi trattat. Dan l-Artikolu jipprovdi li:

"Madankollu, jekk min bata l-hsara ma jkunx jista' jithallas taghha minghand dawk il-persuni l-ohra, minhabba li dawn ma jkunux obbligati jew minhabba li ma jkollhomx mezzi, u min ikun bata l-hsara ma jkunx, b'nuqqas ta' diligenza, ta' hsieb jew ta' prudenza, ta huwa nnifsu lok ghall-hsara, il-qorti tista', wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u b'mod partikolari l-mezzi ta' dak li jkun ikkaguna u ta' l-iehor li jkun bata l-hsara, tordna li din il-hsara tigi, kollha jew bicca minnha, imhallsa bi hwejjeg il-minuri jew il-mignun imsemmi fl-ahhar artikolu qabel dan". (enfasi u sottolinjar mizjuda minn din ilQorti).

Huwa mifhum li meta dan l-artikolu jirreferi ghal "dawk il-persuni l-ohra", dan qieghed jirreferi proprju ghal dawk li kienu qeghdin jiehdu hsieb il-persuna afflitta mill-mard mentali, ai termini tal-Artikolu 1034 tal-Kodici Civili. Izda kif inghad qabel, f'dan il-kaz ma rrizulta li kien hemm ebda persuna ohra obbligata ai termini tal-ligi. Minn ezami tal-provi in atti, lanqas ma jirrizulta li l-attur appellant kien b'nuqqas ta' diligenza, hsieb jew

prudenza, ta lok huwa nnifsu ghall-hsara li setghet irrizultat konsegwenza tal-akkadut.

Kwindi jidher opportun li jigi ribadit illi, filwaqt li l-konvenut appellat mhux ritenut responsabbli ghal akkadut minhabba l-istat mentali tieghu, u peress li ma hemm hadd li jista' jinghad li huwa obbligat li jaghmel tajjeb ghall-hsara kif tipprovdi l-ligi, huwa meqjus indikat li ssir indagni ulterjuri sabiex jigi determinat jekk hux il-kaz li l-patrimonju tal-konvenut appellat jaghmel tajjeb ghall-hsara kollha jew parzjali, mgarrba mill-attur appellant, ai termini tal-Artikolu 1036 tal-Kodici Civili. Konsegwentement huwa xieraq li, sabiex ma jintilifx il-beneficcju tad-*doppio esame*, li din il-Qorti tirrimanda l-atti lura lill-ewwel Qorti sabiex wara li jitressqu l-provi dwar id-danni da parti tal-attur appellant, tinghata decizjoni fuq dan il-punt skont il-ligi, fil-parametri ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 1036 tal-Kodici Civili, cioe' li jitqiesu c-cirkostanzi kollha tal-kaz. B'mod partikolari ghandu jinghata qies, kemm ghall-mezzi ta' dak li ikkaguna l-hsara, jigifieri tal-konvenut appellat, kif ukoll tal-attur appellant li bata l-hsara, u tordna li din il-hsara tigi, kollha jew bicca minnha, imhallsa bi hwejjeg il-konvenut appellat, jekk ikun il-kaz.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti tiddisponi mill-appell interpost mill-attur appellant billi tilqghu in parte u filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu ma sabitx lill-konvenut appellat responsabbli ghal ghemilu fil-mument li wettaq l-azzjoni mertu ta' din il-kawza, thassarha fejn iddecidiet li tichad il-talbiet attrici bhala infondati fil-fatt u fid-dritt in kwantu ma rrizultawx ipprovati, peress li s-sentenza kellha tkun wahda parzjali, limitata ghall-kap ta' responsabbilita kif inghad qabel.

Tirrinvija l-atti tal-kawza quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, ghall-prosegwiment tas-smigh tal-kawza, sabiex jigu determinati t-talbiet attrici ghad-danni skont il-ligi u kif appena mfisser.

Fic-cirkostanzi tal-kaz, ikun indikat li l-ispejjez taz-zewg istanzi, jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.'

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi mid-decizjoni suesposta din il-Qorti rat li l-kwistjoni tar-responsabilta' o meno ghall-incident in kwistjoni u dwar jekk kienx effettivament il-konvenut li wettaq l-azzjoni hija deciza b'mod definittiv b'dana li ghalkemm giet milqugha t-tieni eccezzjoni tal-konvenut, iz-zewg Qrati t-tnejn ikkonfermaw il-konvinzjoni taghhom li l-konvenut kien il-persuna li wettaq l-azzjoni. Fuq kollox mill-provi prodotti sa dak l-istadju din il-Qorti wkoll ma ghandha l-ebda dubju li l-azzjoni koncernata fil-kaz odjern giet mwettqa mill-konvenut u hadd aktar dan kemm ghaliex ir-rikorrent gharaf lill-konvenut mill-mod kif jimxi, l-mossi tieghu u hwejjeg li kien imdorri jarah bihom kif ukoll ghaliex il-konvenut ammetta mal-pulizija u sahansitra urihom fejn kien iddispona mill-arma. Din il-Qorti ghalhekk tqis li s-sottomissjonijiet li saru mill-legali tal-konvenut fin-nota tieghu dwar jekk kienx hu jew le li wettaq ir-reat huma lkoll fiergha u ntizi biss sabiex ifixklu lil din il-Qorti sabiex minghalihom li din il-Qorti tagixxi ta' Qorti tat-terza istanza meta dan mhux possibbli fil-ligi Maltija.

Illi l-istess jista' jinghad dwar l-interpretazzjoni tal-artikolu 1036 tal-Kodicili Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta f'dik il-parti fejn jaqra illi:

'Madanakollu, jekk min bata l-hsara ma jkunx jista' jithallas taghha minghand dawk il-persuni l-ohra, minhabba li dawn ma jkunx obbligati jew minhabba li ma jkollhomx mezzi, u min ikun bata l-hsara ma jkunx, b'nuqqas ta' diligenza, ta' hsieb jew ta' prudenza, ta huwa nnifsu lok ghall-hsara . . .'

Fil-fatt din il-Qorti rat li l-konvenut jipprova jinterpreta din il-parti tal-artikolu 1036 bhala li ghandha tfisser li la darba ma kienx hemm persuni ohra responsabbli mill-agir tal-konvenut allura dan l-artikolu ma japplikax. Huwa car ghal din il-Qorti li din mihiex l-interpretazzjoni li tat l-Onorabbli Qorti tal-Appell fid-decizjoni taghha datat 26 ta' Jannar, 2018, wara li l-istess artikolu kien gia gie nterpetat mill-ewwel Qorti fid-decizjoni in prima istanza ghalhekk din id-decizjoni kienet gia fid-doppju ezami. Fil-fatt u sabiex jigi evitat kwalunkwe malintiz iehor din il-Qorti ser terga' tirrepeti dak li l-Qorti tal-Appell ddecidiet dwar l-interpretazzjoni tas-suespost kif isegwi:

'Huwa mifhum li meta dan l-artikolu jirreferi ghal "dawk il-persuni l-ohra", dan qieghed jirreferi proprju ghal dawk li kienu qeghdin jiehdu hsieb il-

persuna afflitta mill-mard mentali, ai termini tal-Artikolu 1034 tal-Kodici Civili. Izda kif inghad qabel, f'dan il-kaz ma rrizulta li kien hemm ebda persuna ohra obbligata ai termini tal-ligi. Minn ezami tal-provi in atti, lanqas ma jirrizulta li l-attur appellant kien b'nuqqas ta' diligenza, hsieb jew prudenza, ta lok huwa nnifsu ghall-hsara li setghet irrizultat konsegwenza tal-akkadut.'

Ghaldaqstant l-Onorabbli Qorti tal-Appell gia ddecidiet li l-artikolu 1036 tal-Kodici Civili huwa applikabbli ghall-kaz odjern u wkoll li l-attur ma kontribiwixxa bl-ebda mod ghal dak li sehh. Din il-Qorti rat li l-Qorti tal-Appell irrinvijat biss l-atti lura quddiemha, ai fini wkoll tal-beneficcju tad-*doppio esame,* unikament dwar il-kwistjoni tal-provi dwar id-danni u sabiex tinghata decizjoni, minn din il-Qorti, fil-parametri ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 1036 tal-Kodici Civili, dwar likwidazzjoni tad-danni favur l-attur, jekk ikun il-kaz, wara li jigu applikati c-cirkustanzi kollha tal-kaz fl-ambitu tal-artikolu 1036.

Illi minn dak suespost jirrizulta li jonqos biss li din il-Qorti tgharbel il-provi li tressqu sussegwentement ghad-decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell dwar il-mezzi taz-zewg partijiet u d-danni sofferti mill-attur sabiex tkun tista' tasal ghal decizjoni fl-ambitu tal-artikolu 1036 tal-Kodici Civili.

**Provi dwar id-danni sofferti:**

F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghar-**rapport tal-espert mediku nominat minn din il-Qorti diversament preseduta Dr. Anthony Galea Debono a fol. 216 et seq tal-process.** Fir-rapport tieghu huwa jghid li ghamel l-ezami u wasal ghall-konkluzjonijiet kif isegwu:

**'EXAMINATION**

On examination, there were two scars over the upper part of the posterior thoracic region. One was over the left shoulder region and the other was in the midline, but was more on the left side than the right side.

He had impaired sensation over an area of about 10 square cm, with the edge being below that part of the scar that was on the right side of the midline. This included light touch, temperature and pin prick.

There was also limitation of movements of the right shoulder especially on abduction and flexion. This was mainly because it provoked the pain that he normally gets, while extension actually provided some relief of this pain.

Auscultation of the lungs was normal, and he had no respiratory symptoms.

**CONCLUSION**

Mr Baldacchino has neuropathic pain as a result of damage to superficial nerves over the site of the midline wound, mainly that part which is right of the midline.
This is a well-recognized clinical entity and is refractory to treatment.

It seldom improves spontaneously, and once it has been present for over 15 years, it is expected to be permanent.

(f) Ugigh ta' deafferentazzjoni

Dan l-ugigh jorbot ma' lezjoni fis-sistema nervuza periferika, li jinhass minghajr stimulazzioni ghas-sensazzjoni ta' l-ugigh u jista' jkun wiehed minn diversi tipi klinici ta' ugigh: anaesthesia dolorosa, ugigh akut u gravi, iperpatija (ez. ugigh immaginat fid-dirghajn u s-saqajn jew newralgja trigeminali).

Dawn huma tipi ta' 'ugigh eccezzjonali' li ma jiffurmawx parti mill-istampa post-trawmatika tas-soltu u ghalhekk mhumiex inkluzi f-iskala ta' dizabilita'. Huma forma sekondarja ta' hsara.

Madankollu jidher li jista' jkun il-kaz li ssir stima taghhom billi r-rata ta' dizabilita' tizdied minhabba dan in-nuqqas biz-zjieda ta' 5 sa 10%.

The permanent disability is estimated at **<u>10%.</u>**'

Rat id-domandi in eskussjoni li saru mill-intimat Jesmond Aquilina a fol 222 tal-process. Rat ukoll ir-risposti tal-espert mediku a fol. 230 et seq tal-process minn fejn jirrizulta li l-espert mediku sostna li ma kellux bzonn jara l-x-rays, li jghid li jigu distrutti bhala procudura wara ghaxar snin, sabiex jasal ghall-konkluzjonijiet tieghu stante li dan seta jigi konstatat minn informazzjoni ohra fil-*file* mediku. Jikkonferma li l-ugiegh kien jinhass fi stadju bikri wara l-incident, li s-sintomi sensorjali huma fil-fatt suggettivi, izda jekk huma konsistenti mal-istorja medika tal-persuna allura dawn jigu accettati bhala veritieri. Izid li l-limitazzjoni tal-movivment deskritta mill-pazjent hija konsegwenza ta' ugiegh u mhux ta' muskolatura dghajjfa. Jinsisti li l-fatt li inti tkun mugugh jekwivali ghal disabilita'. Izid li l-okkorrenza ta' ugiegh newropatiku fil-kaz odjern m'ghandux relazzjoni mal-fattur jekk il-persuna marritx ghax-xoghol jew le. Huwa ma ra l-ebda prova ohra li qabel l-incident l-attur kien ibaghti minn dawn is-sintomi.

Rat a fol. 238 et seq il-kopja legali tal-Patients Certification Form datat 3 ta' Marzu, 2003 u hadet nota tal-kontenut kollu tal-istess ;

Rat a fol. 241 kopja legali tar-rapport tal-Ufficcjal tax-xena tal-incident u r-ritratti inkluzi u wkoll hadet nota tal-kontenut kollu tal-istess.

Rat a fol. 274 il-kopja legali tar-rapport medikolegali redatt mill-Espert Forensiku Dr. Mario Scerri datata 3 ta' Settembru 2003 u hadet nota tal-informazzjoni u l-konkluzjonijiet kontenuti fl-istess.

Rat ix-**xhieda in kontro-ezami ta' Samuel Baldacchino a fol. 548 et** seq tal-process. Din il-Qorti tirrileva li saru bosta domandi in kontro-ezami sabiex jippruvaw iwaqqghu dubju fuq jekk verament kienx il-konvenut li wettaq l-att fuq l-attur. Kif gia suespost, din il-kwistjoni giet deciza b'mod definittiv fil-livell tal-Qorti tal-Appell w'ghalhekk din il-Qorti ma tistax terga tidhol f'analizi tal-istess u ser tiehu dak gia deciz fil-Qorti tal-Appell bhala fatt. Ghalhekk ser issir referenza ghal din ix-xhieda minn din il-Qorti limitatament ghall-kwistjoni tad-danni soffert mill-attur.

L-attur fil-kontro-ezami tieghu jaqbel li ghamel madwar erbat'ijiem l-isptar wara l-incident u jispjega li l-kura li tawh kienet billi taqbulu genbu u ghamlulu pajp biex jillikwida l-ilma u d-demm li kellu fil-pulmun. Wara nehhew dan il-pajp u baghtuh id-dar. Mistoqsi ghalfejn ghamel sitt gimghat id-dar jghid li kellu l-punti u kellu ugiegh f'dahru. Ma setax jiehu nifs sewwa, kellu l-pajp u idejh

jugghuh u kien imur it-tabib Saliba, tabib tax-xoghol jarah. Izid li ma setax icaqlaq idejh, ma setax joqghod bilqieghda ghax jugghu dahru u jaqbdu spazmu kbir f'dahru u ghadu s'issa jekk joqghod hafna bilqieghda jwegga. It-tabib tax-xoghol iccertifikah li jista' jidhol lura ghax-xoghol wara sitt gimghat. Izid li xoghlu kien ta' *foreman* u kien jikkonsisti f'supervizjoni u dan ix-xoghol baqa' jaghmlu wara l-incident meta dahal lura. Izid li fejn qabel izda kien jghin b'xi kaxxa, wara l-incident dan ma setax jaghmlu aktar, lanqas seta jdum fit-tul bilqieghda ghax itih spazmu f'dahru kif ghadu jtih sal-lum. Jghid izda li wara l-incident ma baqax jista' jaghmel *over-time'* ghaliex kien jghejja ghaliex fizikament kien ikun bil-wieqfa. Jixhed li l-fizjoterapija waqqafha ftit xhur wara l-incident ghaliex ma kienet qed taghmel l-ebda effett. Jikkonferma wkoll li meta sehh l-incident huwa kellu hamsa u hamsin (55) sena u li irtira fl-eta ta' wiehed u sittin sena (61). Jghid li ser jiccekkja jekk ghandux l-FS 3 tas-sena 2001 kif fil-fatt ghamel fis-seduta u x-xhieda sussegwenti datata 26 ta' Mejju, 2022.

Rat ix-**xhieda ta' Dr. Joseph Spiteri in kontro-ezami a fol. 576 et seq** tal-process datata 26 ta' Mejju, 2022. Huwa jikkonferma x-xhieda tieghu precedenti fl-atti u jispjega li lill-konvenut ilu jafu mis-sena 2003 u fis-sena 2006 kien ghamillu applikazzjoni sabiex jibda johrog gurnata *leave* mill-isptar Monte Carmeli u dik saret b'success u llum il-gurnata johrog mill-isptar, izid izda li dan ma jfissirx li l-marda psikotika telqet izda l-marda tigi kontrollata bil-

medicini li kien jiehu dak iz-zmien u ghadu jiehu sal-lum u li ghandu bzonnha ghal hajtu. Jikkonferma li l-konvenut ghadu taht il-kura tieghu sa dak in-nhar. Jaqbel li l-konvenut ilu barra minn Monte carmeli mis-sena 2006 izda dan bil-permess tal-Qorti u jattendi darba kull xahar jew xahrejn. Izid izda li mhux ikkunsidrat 'discharged' huwa jibqa taht il-kura tal-isptar u taht ir-responsabilita' tal-isptar flimkien mal-familja tieghu. Jghid li l-kundizzjoni tieghu hija l-istess marda izda kkontrollata bil-medicini.

**Provi dwar il-mezzi tal-partijiet:**

Il-Qorti terga taghmel referenza ghall-kopji tal-FS 3's tal-attur koprenti l-introjtu tieghu ghas-snin 2002 u 2003 fis-sommom ta' Lm 11,819 u Lm 10,327 rispettivament a fol. 24 u 25 tal-process. Rat ukoll l-FS 3 ghas-sena 2001 esebita a fol. 571 tal-process li trudi introjtu annwali tal-attur fi-sosma ta' Lm 10,338.

Rat a fol. 287 tal-process in-nota tal-attur li permezz taghha giet prezentata kopja ta' cedola ta' depozitu bin-numru 535/2015 li tevidenzja li konsegwenza ghall-sekwestru ntavolat fil-konfront tal-intimat fis-sena 2003, giet issekwestrata, maqbuda u depozitata l-Qorti s-somma ta' €23,293.73 fis-sena 2015

Semghet ix-xhieda tar-rapprezentanti tal-Banek fir-rigward tal-kontijiet tal-konvenut Jesmond Aquilina u rat li tul is-snin dan kellu ammonti mhux zghar fil-kontijiet tieghu bhal per ezempju l-ammont ta' €43,262.75 (ara fol. 311 et seq) f'Jannar 2015 izda dawn l-ammonti, apparti l-effett tas-sekwestru, tul is-snin pendenti din il-kawza bdew jonqsu b'rata mghaggla probabilment bl-iskop li dawn ma jithallewx fil-possibilita' li jinqabdu wkoll u jaghmlu tajjeb ghad-danni sofferti mill-attur. Ta' min jirrileva wkoll li dawn is-sommom kienu fil-kontijiet tal-konvenut diversi snin wara l-incident ghalhekk johrog car li l-konvenut ghandu mezzi idonei sabiex ikun jista' jaghmel tajjeb ghad-danni sofferti mill-attur nonostante li llum jidher li l-flus li jidhlu fil-kontijiet bankarju huma derivanti mill-beneficcji socjali u dan huwa wkoll rifless fid-dikjarazzjonijiet tat-taxxa tieghu esebiti fl-atti. Rat ukoll minn fol. 530 li jirrizulta li l-konvenut ma ghandu l-ebda proprjeta' immobbli f'ismu.

Rat id-dokumentazzjoni relatata mal-pensjoni ta' invalidita' li jircievi l-konvenut.

Rat il-provi dwar l-assi tal-attur li din il-Qorti ordnat li jkunu limitati biss ghal dawk ezistenti fis-sena 2003 u mhux wara a fol. 597 et seq tal-process. Rat illi ghal dak li huma assi mmobbli jirrizulta li fis-sena 2003 l-attur u martu ma kellhom xejn fuq isimhom kif jirrizulta mir-ricerki esebiti fuq talba tal-konvenut. Rat

ukoll li d-depoziti bankarji f'isem l-attur u martu lura fis-sena 2003 ma kienux jaqbzu l-elfejn Liri Maltin (Lm2,000) filwaqt li kellhom dejn ta' madwar sitt elef Liri Maltin (Lm 6,000). Rat ukoll li l-beneficcji socjali li rcieva l-attur bejn is-sena 2001 u 2008 huma negligibbli filwaqt li mis-sena 2009 l-quddiem huwa beda jircievi l-pensjoni taz-zewg terzi (ara fol. 655).

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi ghal dak li huma danni sofferti l-Qorti rat li l-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet jiddikjara li hu mhux qed jitlob il-likwidazzjoni ta' danni *emergens* izda biss danni *lucrum cessans* (ara fol. 668). Il-Qorti rat li l-espert medikku Dr. Anthony Galea Debono kkonkluda li l-attur qed isofri minn debilita' permenent ta' 10 %. Rat li ghalkemm sarulu diversi domandi in eskussjoni huwa baqa' jinsisti fuq id-djanjozi tieghu u li dak li qed isofri l-attur huwa rizultat tal-incident de quo w'ghalhekk zamm ferm il-konkluzjoni tieghu. L-avukati tal-konvenut ma sottomettewx talba ghan-nomina ta' periti perizjuri.

Din il-Qorti wara li gharblet l-atti kollha odjerni tqis li ghandha tistrieh fuq il-konkluzjonijiet li wasal ghalihom l-espert mediku nominat.

Illi dwar l-aggressjoni u l-konsegwenti debilita' permanenti l-konvenut isostni li l-attur baqa jaghmel l-istess xoghol w'ghalhekk ma soffra l-ebda danni. Dwar dan din il-qorti izda ma taqbilx mal-konvenut izda taqbel mija fil-mija mas-sottomissjoni tal-attur li kkwota kif isegwi:

'Il-fatt li min isofri lezjoni ikompli jahdem, sija pure fl-impiieg li kellu qabel l-incident, ma jippreskludiehx li jiehu danni meta huwa bhala konsegwenza ta' l-incident ikun sofra dizabilita permanenti. Din id-dizabilita permanenti tista' tkun dejjem ta' xkiel ghalih fil-futur li jimmeljora l-posizzjoni finanzjarja tieghu, u kwindi ghal din ir-raguni huwa intitolat ghad-danni li jista' isofri konsegwenza taghha.'[1]

Illi ghal dik li hija l-eta' tal-attur dakinhar tal-incident jirrizulta li l-attur kien jonqsu madwar hames gimghat sabiex jaghlaq l-eta ta' hamsa u hamsin (55) sena. Illi la darba rrizulta li r-rikorrent irtira fl-eta ta' wiehed u sittin sena (61) allura l-Qorti ser tapplika *multiplier* li jibda jiddekorri mill-bidu taz-zmien li l-attur ghalaq hamsa u hamsin sena b'dana li allura effettivament dan jekwivali ghal seba' (7) snin lavorattivi shah.

[1] Edgar Gatt vs. Oliver Theuma, 27 ta' April, 1987, Qorti tal-Appell Superjuri.

Illi mid-dokumentazzjoni esebita fl-atti jirrizulta li l-medja tal-pagi tal-attur fis-sena tal-incident u fis-sentejn ezatt qabel l-incident kif johrog mill-FS 3's esebiti hija dik ta' Lm 10,828 ekwivalenti ghas-somma ta' €25,222.

Il-Qorti ghalhekk tasal ghal likwidazzjoni ta' danni sofferti mill-attur fis-somma kif isegwi:

7 snin x 10 % debilita permanenti x €25,222 = €17,655.

Ghal dik li hija *lump sum payment* il-Qorti rat li dan il-kaz ilu jkarkar mis-sena 2003, l-istess sena li sehh l-incident. Dan id-dewmien kien rizultat kemm tal-kundizzjoni tal-konvenut kif ukoll ta' zbalji li saru fl-ewwel decizjoni. Fic-cirkostazi ghalhekk il-Qorti tqis li m'ghandhiex tnaqqas il-persentagg tal-*lump sum* kollu izda biss 10% anki sabiex tiehu kont tac-cirkustanzi tal-konvenut.

€17,655 – 10% *lump sum* = €15,889.

Illi din il-Qorti, tenut kont tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-attur lura fis-sena 2003 fejn kellu ferm aktar dejn milli assi u dik tal-konvenut li jidher li kienet ahjar minn dik tal-attur tant li fil-mori wkoll giet issekwestrata s-somma ta' madwar €23,000 konsegwenti ta' mandat intvolat fl-istess 2003, filwaqt li jirrizulta li l-konvenut kien ghad fadallu ammont ta' flus fil-banek, tqis li fic-cirkustanzi jkun ekwu u

gust ghall-partijiet kollha involuti li b'applikazzjoni tal-artikolu 1036 tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta s-somma likwidata ta' hmistax-il elf, tmien mija u disa'u tmenin Euro (€15,889) tigi sodisfatta mill-ammont akbar depozitat fil-Qorti, minghajr imghax, in vista li din tista tigi zbankata b'mod immedjat. Il-bqija tal-ammont sekwestrat, wara li jithallsu wkoll l-ispejjez kif decizi, ghandu jigi ritornat lura lill-konvenut.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi l-mertu rimanenti tal-kawza odjerna kif isegwi:

1. Tikkonferma bhala michuda l-ewwel talba tal-attur in vista li l-Onorabbli Qorti tal-Appell fid-decizjoni taghha datata 26 ta' Jannar, 2018 laqghet it-tieni eccezzjoni tal-konvenut b'dana li izda dderigiet ukoll lil din il-Qorti sabiex tapplika l-artikolu 1036 tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-kaz odjern;

2. Tilqa' t-tieni talba tal-attur b'applikazzjoni tal-artikolu li jintroduci l-principju ta' ekwita cioe' l-artikolu 1036 tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u tillikwida d-danni sofferti mill-attur fis-somma komplessiva *lucrum cessans* ta' hmistax il-elf, tmien mija u disa' u tmenin Euro (€15,889);

3. Tilqa' t-tielet talba tal-attur u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma kollha kif hekk likwidata kif hija hekk awtorizzata fit-termini tal-artikolu 1036 tal-Kodici Civili u dan billi qed tawtorizza lill-attur sabiex b'effett immedjat jisbanka din is-somma ta' hmistax il-elf, tmien mija u disa' u tmenin Euro (€15,889) flimkien mal-ispejjez kollha tal-kawza odjerna decizi favur tieghu mis-somma depozitata permezz tac-cedola ta' depozitu numru 535/2015 fl-atti tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 392/2003 (ara fol. 290 tal-process).

Bl-ispejjez kollha kif mitluba u li ghadhom mhux decizi kontra l-konvenut filwaqt li qed tigi michuda it-talba ghall-imghax fuq is-somma likwidata ghar-ragunijiet kif gia suesposti u stante li s-somma giet likwidata fit-termini tal-artikolu 1036 tal-Kodici Civili.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**03 ta' Ottubru, 2024**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**
**03 ta' Ottubru, 2024**